**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Dicembru 2024**

**<u>Rikors guramentat nru : 135 /2024 AGV</u>**

**M C sive MR A**

**VS**

**NA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rrikors Guramentat ta'  MC sive MR A**

**Tesponi bir rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:**

1. Illi l-esponenti  MA   izzewget lill intimat  NA  nhar is-17 t`April 1995 r-Registru Pubbliku , l-Belt (certifikat taz-zweig anness u mmarkat Dok A),

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom 6 ulied NK A,   I  A , N C A  , C  A , NI A ,  u  MA  . N K , I, C, NC  u NI  huma kolla maggorenni u mhux studenti filwaqt li Maria ghandha 16-il sena , ghandha kemm lestiet l-edukazzjoni mandatorja u qed tahdem (certifikat tat-twelied M A anness u mmarkat Dok B);

3. Illi r-relazzjoni ta 'bejn l-esponenti u zewgha spiccat u ilhom jghixu hajja de facto ghal circa sittax- il sena u ghalhekk il-hajja konjugali ta' bejnithom m`ghadhiex aktar possibli;

4. Illi ma hemm ebda manteniment spettanti lill-ulied stante li huma konnha jahdmu jew ghadhom l-istat taghhom u l-esponenti ma tippretendi edba manteniment minghand l-intimat;

5. Illi l-kontendenti lanqas ma ghandhom ebda propjeta’ bejniethom;

6. Illi l-esponenti madanakollu tixtieq li tigi fformalizzata s-separazzjoni personali skond il-ligi;

7. Illi l-esponeti hija awtorizzata tipprezenta din il-kawza permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta’ Gunju 2024 wara li inghalqu l-proceduri ta’ medjazzjoni bin-numru 309/2024JPG (kopja annessa u mmarkata Dok C) stante li l-intimat naqas milli jattendi ghas-sessjonijiet tal-imsemmija medjazzjoni;

8. Illi l-esponenti taf b`dan kollu personalment u ghalhekk qed tigi intavolata din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet permessi u pervja kull dikjarazzjoni ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha mehtiega, l-esponenti titlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

ii. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

iii. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bil-hatra ta' periti nominandi jekk mehtieg;

iv. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika kwalunkwe Att relattiv li jista jkun mehtieg u kuraturi deputati sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.**

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma ppresentax risposta.

Rat illi, ghalhekk, l-istess konvenut gie iddikjarat kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti u l-provi prodotti mill-attrici.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Il-partijiet izzewgu fis-17 ta' April 1995 u kellhom sitt itfal, li minnhom wahda biss illum hija minorenni, izda ghandha impieg. Il-partijiet ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar sittax-il sena, u ma hemm ebda prospett illi ha jergghu jghixu flimkien. L-attrici tixtieq illi tifformalizza s-swparazzjoni gia' esistenti bejniethom, u ghalhekk fethet dawn il-proceduri.

L-attrici tghid li l-hajja konjugali bejniethom ilha madwar sittax-il sena illi spiccat, u ghalhekk illum qed titlob is-separazzjoni minn ma' zewgha. It-tfal huma kollha maggorenni hlief ghat-tifla z-zghira, illi ghandha sittax-il sena, izda ghandha impieg, u t-tfal l-ohra kollha huma indipendenti. Ghalhekk l-attrici m'hi qed titlob ebda manteniment minn ghand il-konvenut, la ghaliha u lanqas ghat-tfal.

Kwantu ghal proprjeta' mizmuma in komuni bejniethom, l-attrici ukoll ikkonfermat illi l-partijiet m'ghandhom ebda mobbli jew immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Hi tghix fi proprjeta' li huwa mikri lilha, u m'ghandha ebda vettura irregistrata f'isimha. Inoltre, l-istess attrici iddikjarat illi anke jekk jirrisulta li l-konvenut ghandu xi proprjeta' f'ismu, hi ma trid ebda sehem minnha. Kull ma hu qed titlob huwa li l-komunjoni tigi itterminata u likwidata.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tittermina l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet, b'dana illi kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji jew dawk il-vetturi illi huma intestati lil dik il-parti. Il-kirja fejn qed tghix l-attrici ghandha tigi assenjata lilha, ad eskluzjoni tal-konvenut, u l-attrici wehidha ghandha tkun responsabbli ghall-hlas tal-istess kera.

Illi ghalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet u tippronunzja s-separazzjoni tal-partijiet.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

i. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

ii. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

iii. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti;

iv. Tinnomina lil Clinton Bellizzi bhala Nutar Pubbliku sabiex jippubblika kwalunkwe Att relattiv li jista jkun mehtieg, u kuraturi deputati sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

## Deputat Registratur